MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Referenza Kostituzzjonali Numru 88/2019 LM

**Il-Pulizija**

***vs.***

**Ahmed Alhadi Khalleefah Suwah**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Referenza Kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Mejju, 2019, wara li d-difiża tar-referent, imputat f'dawk il-proċeduri, ressqet rikors fl-20 ta' Diċembru, 2018, fejn ġie sottomess illi:

*Illi nhar id-29 ta' Ottubru, 2018, l-esponenti tressaq b'arrest akkużat illi f'dawn il-Gżejjer, nhar it-28 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tal-għaxra nieqes għoxrin ta' filgħodu (9:40 hrs), ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja, naqas milli*

*jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien qiegħed iġorr ammont fi flus kontanti li jeċċedi s-somma ta' €10,000 filwaqt li huwa kien dieħel Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 149 tal-2007 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esteri (Kapitlu 233 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Dina l-Onorabbli Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna l-konfiska tal-flejjes esebiti.*

*Illi fid-dawl tas-suespost għandu jiġi rilevat illi nhar it-28 ta' Ottubru, 2018, l-esponenti twaqqaf ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fejn minn fuq il-persuna tiegħu ġiet elevata s-somma ta' €34,970. Sussegwentement l-uffiċjali tad-Dwana rritornaw lura s-somma ta' €10,000.*

*Madanakollu l-uffiċjali tad-Dwana żammew il-kumplament tal-flus, ossia s-somma ta' €24,970, liema flejjes ġew issiġillati u sussegwentement preżentati fil-mori tal-proċeduri odjerni.Illi jekk din l-Onorabbli Qorti ssib lill-esponenti ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-esponenti jkun suġġett għal piena ta' multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur, f'valuta lokali ta' nhar it-28 ta' Ottubru, 2018 kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus mhux dikjarati ossia l-ammont ta' €24,970.*

*Illi għall-aħjar kjarezza tal-ħsieb ir-Regolament 3(4) u (5) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 233.07 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin jiġu hawn kwotati:*

> *(4) Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligu li tiddikjara somma bħal dik skont is-subregolament (2), tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur, f'valuta lokali, fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transit u minn Malta, tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru, imma f'kull każ dik il-multa ma għandhiex tkun teċċedi ħamsin elf euro (€50,000).*
>
> *(5) Barra mill-piena li tista' tagħti lil persuna misjuba ħatja ta' reat taħt is-subregolament (4), il-Qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu €10,000 jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.*

*Fid-dawl tas-suespost għandu jiġi mfakkar illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jistipula illi:*

> *"Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law. The preceding provisions shall not, however, in*

> *any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."*

*Di più, fid-dawl taċ-ċirkostanzi odjerni, qiegħda ssir referenza għal sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet* ***'Togrul vs Bulgaria'*** *deċiża nhar il-15 ta' Novembru 2018*[1] *fejn sitwazzjoni għal dik odjerna, il-Qorti rriteniet illi l-konfiska tal-ammont sħiħ tal-flus mhux dikjarati kienet qiegħda sservi biss għan punittiv u xejn iżjed u dana stante li tali konfiska ma kinitx qiegħda sservi bħala xi forma ta' kumpens għal xi telf li seta' jagħmel l-Istat. Konsegwentement il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet illi meta wieħed jara l-multa imposta kif ukoll il-konfiska tal-flejjes kollha mhux dikjarati, tali konfiska kienet waħda sproporzjonata u eċċessiva. Il-Qorti rriteniet ukoll illi ż-żamma tas-somma tal-flus mhux dikjarati waqfet milli tkun proporzjonata għal għan leġittimu u ċioe għall-konservazzjoni tal-provi, ġialadarba l-proċeduri kriminali kienu ntemmu.*

*Inoltre, fis-sentenza supra riferita, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem indikat il-ġurisprudenza konsistenti tagħha fejn il-Qorti rriteniet illi f'sitwazzjoni bħal dik odjerna, il-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali għandhom jimponu piena li għandha tikkorrispondi mal-gravità tal-ksur misjub, f'dan il-każ, l-allegat nuqqas ta' konformità mal-ħtieġa tad-dikjarazzjoni. Konsegwentement il-Qorti rriteniet illi bil-piena imposta kienet saret vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ordnat lill-Istat sabiex jirritorna l-imsemmija flejjes.*

*Fid-dawl ta' dak hawn suespost, l-esponenti huwa tal-fehma li l-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jaqbel eżattament għall-każ tiegħu u fl-eventwalità li dina l-Onorabbli Qorti tasal biex issib xi forma ta' ħtija u konsegwentement tordna l-konfiska tal-flejjes kollha allegatament mhux dikjarati, sejjer ikun hemm leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu hekk kif sanċit taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Għaldaqstant, a bażi tas-suespost, l-esponenti bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex a bażi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll a bażi tal-artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tirreferi din il-vertenza kostituzzjonali lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili sabiex dik l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeċiedi jekk il-fatt illi l-esponenti, jekk jinstab ħati, il-Qorti sejra tordna l-konfiska tal-flejjes kollha esebiti, jiksirx id-drittijiet tiegħu a tenur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Kostituzzjoni, jew le, sabiex jingħataw dawk id-direttivi kollha opportuni fir-rigward tal-kwistjoni odjerna.*

---

[1] Numru tal-Applikazzjoni 20611/10.

Rat ir-Referenza Kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Mejju, 2019, fejn ingħad:

*Il-Qorti, rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Ahmed Alhadi Khalleefah Suwah, ta' 40 sena, bin Alhadi u Asha Alage, imwieled Tripoli, fl-24 ta' Novembru 1977 u residenti C Calamocha 3 PO3 B, Madrid u detentur tal-Passaport Libjan GNN 284G3 validu sat-8 ta' Settembru, 2023;*

*U akkużat talli, f'dawn il-Gżejjer, fit-28 ta' Ottubru 2018, għall-ħabta tal-għaxra neqsin għoxrin ta' filgħodu (9:40hrs) ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja, naqas milli jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien qiegħed iġorr ammont ta' flus kontanti li jeċċedi s-somma ta' €10,000 filwaqt li huwa kien dieħel Malta u dan bi ksur ta' Artikolu 3 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 149 tal-2007 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 223 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-piena stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti;*

*Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Rat li l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum sabiex jingħata provvediment in kwantu jirrigwarda t-talba għal referenza kostituzzjonali magħmula mid-Difiża permezz ta' rikors datat 20 ta' Diċembru 2018 fejn abbażi tal-Artikolu 46(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti ġiet mitluba tirreferi din il-vertenza kostituzzjonali lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili sabiex dik l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeċiedi jekk il-fatt illi l-imputat, jekk jinsab ħati u l-Qorti tordna l-konfiska tal-flejjes kollha esebiti, jiksirx id-drittijiet tiegħu a tenur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Kostituzzjoni jew le u sabiex jingħataw dawk id-direttivi kollha opportuni fir-rigward tal-kwistjoni odjerna.*

*Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata fit-3 ta' April 2019 fejn huwa oppona għat-talba magħmula mill-imputat u talab lil din il-Qorti tiddikjara t-talba magħmula fir-rikors promutur bħala waħda frivola u vessatorja.*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi l-fatti ta' dan il-każ huma fil-qosor dawn li ġejjin. Fit-28 ta' Ottubru 2018 l-imputat twaqqaf minn uffiċjali tad-dwana ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fuq il-persuna tiegħu nstabet is-somma ta' €34,970 fi flus kontanti li l-*

*imputat kien naqas milli jiddikjara mal-awtoritajiet konċernati. Is-somma ta' €10,000 ingħatat lura lill-imputat filwaqt li r-rimanenti €24,970 ġew konfiskati u ppreżentati f'dawn il-proċeduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru 2018.*

*Illi l-imputat jinsab akkużat li kiser il-provvedimenti tar-Regolament 3(4) u (5) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 233.07 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu s-segwenti:*

> *(4) Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligu li tiddikjara somma bħala dik skont is-subregolament (2), tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur, f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transit u minn Malta, tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru, imma f'kull każ dik il-multa ma għandhiex tkun teċċedi ħamsin elf euro (€50,000).*

> *(5) Barra mill-piena li tista' tagħti lil persuna misjuba ħatja ta' reat taħt is-subregolament (4), il-Qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu €10,000 jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.*

*Illi għalhekk jekk l-imputat jinsab ħati minn din il-Qorti tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu huwa jkun suġġett għall-piena ta' multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur f'valuta lokali ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2018 u tkun ordnata wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus mhux dikjarati, ossia l-ammont ta' €24,970.*

*Illi l-imputat jikkontendi li fl-eventwalità li din il-Qorti ssib xi forma ta' ħtija u konsegwentement tordna l-konfiska tal-flejjes kollha mhux dikjarati ser ikun hemm leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu hekk kif sanċit taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem liema Artikolu jistipula s-segwenti:-*

> *"Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by the law and by the general principles of international law. The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi f'każ ta' lanjanza kostituzzjonali, il-funzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati hija waħda li għandha parametri stretti dettati mill-Kostituzzjoni stess. Infatti l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid hekk:-*

> *"Jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli 33 sa 45 (magħdudin) dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċiment frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti għandha tagħti d-deċiżjoni skont dan is-subartikolu (4) ta' dan l-Artikolu, il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."*

*Illi għalhekk din il-Qorti, ċertament f'dan l-istadju, bl-ebda mod ma hija imsejħa u lanqas hija kompetenti, sabiex tiddeċiedi fil-mertu l-istess kwistjoni u trid tara biss jekk fl-opinjoni tagħha, it-talba magħmula mill-imputat sabiex issir riferenza a bażi ta' dak premess hijiex waħda li tinvolvi kwistjoni li hi primarjament frivola jew vessatorja o meno.*

*Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Alan Mifsud vs Avukat Ġenerali**, deċiża fit-23 ta' Novembru 1990, ġie deċiż illi l-kliem frivoli jew vessatorji jfissru li l-kwistjoni li tkun tqajmet hi irrelevanti proċeduralment fil-proċeduri li fihom tkun tqajmet. Fil-fatt il-kelma 'frivola' ngħatat it-tifsira ta' 'ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa mis-sens u b'hekk ma għandhiex tingħata xi forma ta' attenzjoni jew konsiderazzjoni." In rigward 'vessatorja' din tidher li tfisser 'mingħajr raġunijiet suffiċjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontro-parti.'*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi din il-Qorti jidhrilha li fir-rigward ta' konfiska ta' flus mhux dikjarati skont l-Artikolu 3 tal-Liġi Sussidjarja 233.07 jaf iqumu kwistjonijiet dwar id-dritt ta' proprjetà stante li dan l-artikolu jipprevedi li fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni meta persuna tkun qed iġġorr is-somma ta' €10,000 jew aktar għandu jkun hemm il-konfiska ta' kull somma mhux dikjarata li tiżboq l-€10,000. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-prinċipju li l-interferenza għal dan id-dritt għandha tkun proporzjonata. Hekk kif stabbiliet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'każijiet simili li jikkonċernaw il-konfiska ta' flus fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni[2]:-*

> *"The Court reiterates that, in order to be proportionate, the interference should correspond to the severity of the infringement, and the sanction to the gravity of*

[2] Ara **Ismayilov *vs* Russia** (30352/03), **Gabric *vs* Kroazja** (9702/04) u **Togrul *vs* Bulgaria** (20611/10).

*the offence it is designed to punish – in the instant case, the failure to comply with the declaration requirement."*

*Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-ammont mhux dikjarat kien ta' €34,970. Is-somma ta' €10,000 ingħatat lura lill-imputat. Ġustament tqum id-domanda dwar jekk f'każ li l-imputat jinstab ħati l-konfiska ta' €24,970 ekwivalenti għal aktar minn żewġ terzi tas-somma misjuba fuq l-imputat hijiex proporzjonata mal-ksur li allegatament ikkommetta l-imputat, ċioe li naqas milli jiddikjara s-somma ta' €34,970.*

*Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li l-kwistjoni li qajjem l-imputat mhijiex waħda frivola jew vessatorja u għaldaqstant għandha tintlaqa' t-talba għal referenza kostituzzjonali.*

*Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba magħmula mill-imputat permezz tar-rikors tal-20 ta' Diċembru 2018 u a bażi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll a bażi tal-artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tirreferi din il-vertenza kostituzzjonali lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili sabiex dik l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeċiedi jekk il-fatt illi l-imputat, jekk jinstab ħati, l-Qorti sejra tordna l-konfiska tal-flejjes kollha esebiti, jiksirx id-drittijiet tiegħu a tenur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Kostituzzjoni jew le.*

Rat ir-Risposta tal-**Avukat Ġenerali** u l-**Kummissarju tal-Pulizija** (minn issa 'l quddiem "ir-riferuti") ippreżentata fl-14 ta' Ġunju, 2019, fejn ġie eċċepit:

*Illi r-referenza in kwistjoni tirrigwarda l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea fejn din l-Onorabbli Qorti ġiet riferuta mistoqsija dwar jekk il-piena u konfiska imposti mir-Regolament 3(4)(5) tal-L.S. 233.07 tal-Liġijiet ta' Malta hijiex waħda proporzjonata f'każ li l-persuna akkużata tinstab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati.*

1. *Illi r-rikorrent inqabad mill-uffiċjali tal-ajruport internazzjonali ta' Malta b'somma fuqu li teċċedi l-10,000 euro mingħajr ma ddikjarahom mal-Kontrollur u dan bi ksur flagranti tal-artikolu 3 tal-L.S.233.07 li jistabbilixxi li aġir bħal dan huwa reat kriminali. L-artikolu għal dan ir-reat kriminali jistabbilixxi bħala piena, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru, liema multa ma għandhiex teċċedi ħamsin elf euro (€50,000) u il-Qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu €10,000. Il-leġislatur għal dan ir-reat qiegħed għalhekk jistabbilixxi l-*

*parametri tal-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija li hija dik ta' multa u konsegwentement il-konfiska tal-flus li jeċċedu s-somma ta' 10,000 euro mhux dikjarati mal-Kontrollur. Għal kull reat hemm piena u l-pieni mertu ta' din il-kawża huma permessi mil-liġi u jingħataw ta' kuljum mill-Qrati tagħna. Mela allura x'qed jippretendi eżattament ir-rikorrenti b'din ir-referenza? Li jiġi ppremjat għax kiser il-liġi? Ir-rikorrent missu żamm ma' dak rikjest mil-liġi u ċioe ddikjara l-ammont li kien bi ħsiebu jġorr miegħu.*

2. *L-esponent jisħaq li ma hemm xejn irraġonevoli jew sproporzjonat fl-impożizzjoni ta' tali pieni għal dan ir-reat kriminali. Anzi ta' min wieħed jirrimarka li l-liġi lanqas tikkontempla l-possibilità ta' piena karċerarja, li ċertament hija forma ta' piena aktar severa peress li tolqot direttament il-libertà tal-individwu. Rigward il-konfiska, il-leġislatur iddeċieda li jimponi threshold ta' 10,000 euro li tkompli tikkonferma kemm wieħed qed jipprova jżomm bilanċ bejn l-interessi tal-Istat u dak tal-individwu fejn tidħol raġonevolezza ta' piena li tista' tiġi imposta minn Qorti.*

3. *Illi fil-kamp penali r-regola ġenerali hija li ssir il-konfiska tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex sar ir-reat u hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għal dan ir-reat, ukoll jekk il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi. Issa fil-każ odjern saħansitra l-liġi qiegħda espressament tgħid li għandu jkun hemm il-konfiska tas-somma li teċċedi l-10,000 euro biss u mhux tal-ammont kollu u għalhekk żgur li ma hemm xejn irraġonevoli f'dan kollu.*

4. *Illi dwar l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jingħad minnufih li fil-każ odjern żgur li ma jinkwadrax ruħu fi vjolazzjoni ta' dan il-jedd. La l-artikolu konvenzjonali u lanqas dak kostituzzjonali ma jipproteġu d-dritt tal-godimenti paċifiċi tal-possedimenti jew proprjetà mingħajr restrizzjoni ta' xejn. L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenka r-restrizzjonijiet għal dan id-dritt. Safejn qed tiġi allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jissottometti li dan l-artikolu jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun skont il-liġi u fl-interess pubbliku. Ukoll, dan il-jedd bl-ebda mod ma jnaqqas id-dritt tal-Istat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jiżgura fost affarijiet oħra l-ħlas ta' pieni. Il-piena stabbilita mill-artikolu 3 hija waħda li taqa' perfettament fil-jedd tal-Istat li jimponi pieni għall-ksur tal-liġi.*

5. *Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

7. *Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2019, fejn l-avukati difensuri tal-partijiet ngħataw l-opportunità li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Din ir-referenza kostituzzjonali qiegħda ssir mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara talba mressqa mir-rikorrent odjern li fid-29 ta' Ottubru, 2018, kien tressaq quddiem il-Qorti b'arrest, fejn ġie akkużat li fit-28 ta' Ottubru, 2018 naqas milli jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana l-ammont ta' flus kontanti li kellu fuqu mal-wasla tiegħu fl-Ajruport. L-ammont ta' flus li kien qiegħed iġorr fuqu r-rikorrent kien jeċċedi s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000), li huwa l-limitu li wieħed m'għandux għalfejn jiddikjara, hekk kif stabbilit bil-liġi ta' Malta. Jirriżulta li mal-wasla tar-referent fl-Ajruport ta' Malta, dan inqabad li kien qiegħed iġorr fuqu l-ammont ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u sebgħin Euro (€34,970), u filwaqt li minn dawn il-flus, l-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) ingħata lura lir-referent, il-kumplament tal-flus inżammu mill-uffiċjali tad-Dwana. F'każ li jkun hemm sejbien ta' ħtija wara li l-proċeduri penali jiġu fi tmiemhom, ir-referent ser

ikun suġġett għal multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur ta' dawn il-flus, u għall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont li ma ġiex dikjarat, jiġifieri l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, disa' mija u sebgħin Euro (€24,970). F'kull każ, il-massimu tal-multa li persuna akkużata fi proċeduri bħal dawn tista' teħel, huwa ta' ħamsin elf Euro (€50,000). Ir-referent ippremetta li ż-żamma ta' dawn il-flejjes mill-Istat jammonta għal ksur fil-konfront tiegħu tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jistipula li l-individwu għandu jedd għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu, u li tali konfiska hija waħda sproporzjonata u eċċessiva. Ir-rikorrent isostni li l-piena fil-kamp kriminali trid tkun tikkorrispondi mal-gravità tal-każ, u li f'dan il-każ ir-reat kommess minnu kien in-nuqqas tiegħu li jagħmel dikjarazzjoni li kien qiegħed iġorr fuqu ammont ta' flus kontanti li jeċċedi l-għaxart elef Euro (€10,000). Ir-referent qal ukoll li f'każ li l-Qorti fil-kamp penali tordna l-konfiska tal-flejjes kollha li nstabu fuqu, huwa ser ikun qiegħed isofri minn leżjoni tal-jedd fundamentali tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu. Ir-referent talab li jingħata l-fakultà li jagħmel din ir-referenza kostituzzjonali, sabiex tkun din il-Qorti li tiddetermina jekk il-konfiska tal-flejjes kollha li nstabu fuqu u li jeċċedu l-għaxart elef Euro (€10,000) tilledix il-jeddijiet fundamentali tiegħu.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) għamlet din ir-referenza kostituzzjonali wara li qieset li l-konfiska tal-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, disa' mija u sebgħin Euro (€24,970) tammonta għal żewġ terzi (2/3) tas-somma misjuba fuq ir-referent waqt il-ħin tal-arrest, u staqsiet jekk il-konfiska ta' din is-somma ta' flus tistax titqies li hija proporzjonata meta mqabbla mas-severità tar-reat kommess.

Fir-risposta tagħhom għal din ir-referenza kostituzzjonali, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija eċċepew li r-referent inqabad b'somma li teċċedi l-limitu ta' għaxart elef Euro (€10,000), liema ammont huwa naqas li jiddikjara mal-Kontrollur tad-Dwana mal-wasla tiegħu f'Malta, liema att huwa kkonsidrat bħala reat kriminali f'pajjiżna. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija sostnew li f'każ li r-referent jinstab ħati, il-piena tkun il-ħlas ta' multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus li jkunu qegħdin jiddaħħlu f'Malta, flimkien mal-konfiska favur l-Istat ta' kull somma flus li tkun teċċedi l-għaxart elef Euro (€10,000). Ir-riferuti f'dawn il-proċeduri eċċepew li għal kull reat hemm piena, u li l-pieni għal dan ir-reat huma dawk ikkontemplati bil-liġi. Jekk ir-rikorrent ma riedx li jsofri dawn il-pieni, l-unika ħaġa li kellu jagħmel kienet li jiddikjara mal-Kontrollur tad-Dwana l-ammont ta' flus li kien qiegħed iġorr fuqu mal-wasla tiegħu f'Malta. Ir-riferuti argumentaw li m'hemm xejn li mhux raġonevoli jew sproporzjonat fl-impożizzjoni tal-konfiska tal-flejjes misjuba, u li f'każijiet bħal dawn il-liġi tagħna lanqas biss jimponi piena karċerarja, imma timponi biss konfiska favur l-Istat ta' parti mill-flus misjuba. Intqal ukoll li fil-kamp penali, bħala regola, il-Qorti tordna l-konfiska tal-istrument li permezz tiegħu jkun ġie kommess ir-reat, u f'dan il-każ m'hemm xejn irraġonevoli li l-Istat jimponi l-konfiska favur tiegħu ta' kwalsiasi ammont li jkun jeċċedi l-għaxart elef Euro (€10,000). Ġie eċċepit ukoll, li l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll jistabbilixxi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll tal-użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possedimenti, meta dan isir skont il-liġi u fl-interess pubbliku.

**Provi u riżultanzi**

L-avukati difensuri tal-partijiet ma ressqux provi f'dawn il-proċeduri in vista tal-fatt li dak li qiegħed jintalab mir-rikorrent jikkonċerna punt ta' dritt.

Il-Qorti kkonsidrat id-dokumenti kollha marbuta mal-proċeduri fil-kamp penali fil-konfront tar-referent li ġew esebiti f'dawn l-atti.[3]

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti qiegħda tintalab tagħti deċiżjoni dwar jekk fl-eventwalità ta' ħtija tar-referent, il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) tordna l-konfiska tal-flejjes kollha meħuda mill-pussess tar-rikorrent, dan ikunx jammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-possedimenti tiegħu kif protetti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikoli relattivi tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-Qorti kkonsidrat li r-referent qiegħed jiffaċċja proċeduri penali wara li nqabad dieħel fl-Ajruport ta' Malta bis-somma ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u sebgħin Euro (€34,970) fi flus kontanti, liema ammont ta' flus ma ġiex iddikjarat mal-Kontrollur tad-Dwana. Ir-rikorrent kellu l-obbligu impost bil-liġi, li jiddikjara kwalsiasi ammont ta' flus li jeċċedi l-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) u l-artikoli relattivi tal-liġi jiddisponu li f'każ li r-referent jinstab ħati, il-Qorti trid timponi fuqu l-ħlas ta' multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus li kellu fuqu, flimkien mal-konfiska favur l-Istat ta' kull somma li kien qiegħed iġorr fuqu li kienet teċċedi s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000). Il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) stabbiliet fir-

[3] Il-proċess penali ġie allegat mal-atti ta' din il-kawża.

referenza kostituzzjonali tagħha, li minkejja li r-referent tħalla jżomm fil-pussess tiegħu s-somma ta’ għaxart elef Euro (€10,000) mill-ammont ta’ flus li kien qiegħed iġorr fuqu mal-wasla tiegħu fil-pajjiż, ġiet elevata s-somma ta’ erbgħa u għoxrin elf, disa’ mija u sebgħin Euro (€24,970), li più o meno tammonta għal żewġ terzi tal-ammont kollu li kien qiegħed iġorr fuqu r-referent meta għadda mill-Ajruport. Jirriżulta mill-artikoli relattivi tal-liġi li f’każ ta’ ħtija, il-Qorti tal-Maġistrati m’għandha l-ebda diskrezzjoni sabiex tfassal hi l-piena adattata skont il-gravità tar-reat, iżda l-piena hija waħda fissa u timporta l-impożizzjoni ta’ multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur tal-flus li kien qiegħed iġorr fuqu r-referent, u l-konfiska ta’ kull somma in eċċess ta’ għaxart elef Euro (€10,000) li kien qiegħed iġorr fuqu r-referent.

L-ilment ewlieni tar-referent huwa li tali konfiska hija waħda sproporzjonata u eċċessiva meta wieħed jikkonsidra x’wassal għall-akkuża li huwa qiegħed jiffaċċja, u ċjoé n-nuqqas tiegħu li jiddikjara mal-Kontrollur tad-Dwana l-ammont ta’ flus kontanti li kien qiegħed iġorr fuqu meta kien dieħel mill-Ajruport u li kien jeċċedi l-għaxart elef Euro, bi ksur tal-artikolu 3 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 149 tal-2007. Ir-referent jgħid li kull interferenza mill-Istat għall-jedd għat-tgawdija tal-possedimenti trid tkun waħda proporzjonata mal-gravità tar-reat. Ġie sottomess li minkejja li l-ammont ta’ flus ikkonfiskati mill-pussess tar-referent huwa wieħed sostanzjali, fl-istess waqt ma saret l-ebda akkuża jew allegazzjoni li dawn il-flejjes huma provenjenti minn atti kriminali jew illeċiti, u l-fatt li r-referent naqas milli jiddikjara l-ammont ta’ flus li kien qiegħed iġorr fuqu, ma kkawża l-ebda ħsara jew periklu lill-Istat Malti.

Il-Qorti tqis li f’dan l-istadju mhijiex qiegħda tintalab tagħmel indaġni jew tgħaddi ġudizzju fuq il-ħtija o meno tar-referent, jew dwar il-provenjenza tal-

flejjes misjuba fuqu. Dak li qiegħda tintalab tagħmel il-Qorti huwa biss li tevalwa jekk il-konfiska tas-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, disa' mija u sebgħin Euro (€24,970) li ġew elevati mill-pussess tar-referent, f'każ li dan jinstab ħati li naqas milli jiddikjara mal-Kontrollur tad-Dwana l-ammont ta' flus li kien qiegħed iġorr fuqu, tilledix il-jedd fundamentali tar-rikorrent għat-tgawdija tal-possedimenti tiegħu.

Il-Qorti qieset dak li qalet il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Gyrlyan *vs* Russia**[4], li kienet tittratta ċirkostanzi simili għal dawk odjerni:

> *"21. The Court reiterates its consistent approach that a confiscation measure, even though it involves a deprivation of possessions, falls within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see **Ismayilov,** §30, and **Paulet,** §64, ... and **Grifhorst vs France,** no. 28336/02, §§85-86, 26 February 2009).*
>
> *…*
>
> *23. The Court further notes that States have a legitimate interest and also a duty by virtue of various international treaties to implement measures to detect and monitor the movement of cash across their borders, since large amounts of cash may be used for money laundering, drug trafficking, financing terrorism or organised crime, tax evasion or the commission of other serious financial offences. The general declaration requirement applicable to any individual crossing the State borders prevents cash from entering or leaving the country undetected and the confiscation measures which the failure to declare cash to the customs authorities results in is part of the general regulatory scheme designed to combat those offences. The Court therefore considers that the confiscation measure conformed to the general interest of the community (see **Ismayilov,** §34, and **Grifhorst,** §93, both cited above).*

[4] Referenza 35943/15, deċiża 09.01.2019.

*24. The remaining question for the Court to determine is whether the interference struck the requisite fair balance between the protection of the right of property and the requirements of the general interest, taking into account the margin of appreciation left to the respondent State in that area. The requisite balance will not be achieved if the property owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden". Moreover, although the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicant a reasonable opportunity to put his case to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake (see **Grifhorst,** §94; **Paulet,** §65; and **Boljevic,** §41, all cited abvoe; **Denisova and Moiseyava vs Russia,** no. 16903/03, §§58-59, 1 April 2010; and **Rummi vs Estonia,** no. 63362/09, §104, 15 January 2015).*

*28. The Court reiterates that in order to be proportionate, the interference should correspond to the severity of the infringement, and the sanction to the gravity of the offence it is designed to punish – in the instant case, failure to comply with the declaration requirement – rather than to the gravity of any presumed infringement which has not actually been established, such as an offence of money laundering or tax evasion (see **Ismayilov,** §38; **Grifhorst,** §102; and **Bolyevic,** § 44, all cited above)."*

Il-Qorti qieset li f'dan il-każ r-referent qiegħed jiffaċċja sitwazzjoni fejn fl-eventwalità li jinstab ħati li naqas li jiddikjara mal-Kontrollur tad-Dwana kemm kien l-ammont ta' flus li kien qiegħed iġorr fuqu, li huwa r-reat li bih qiegħed jiġi akkużat, ser jiġu kkonfiskati l-flejjes kollha li kien qiegħed iġorr fuqu mal-wasla tiegħu f'Malta, għajr għall-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) li ngħata lura lilu. F'każ ta' ħtija tar-referent, l-ammont li ser jiġi kkonfiskat huwa ta' erbgħa u għoxrin elf, disa' mija u sebgħin Euro (€24,970), u minkejja li l-Qorti mhix mgħarrfa x'kienet il-provenjenza ta' dawn il-flejjes, mill-proċeduri penali li ttieħdu s'issa kontra r-rikorrent, ma jidhirx li kien hemm suspetti ta' xi improprjetà jew ta' xi atti illeċiti da parti tiegħu. Il-Qorti qieset li apparti li bħala *quantum* l-ammont ta' flus li ġew elevati mill-pussess tar-rikorrent hu wieħed sostanzjali, dan l-ammont ta' flus hu ekwivalenti għal

żewġ terzi (2/3) tal-flejjes kollha li nstabu fil-pussess tar-referent. Il-Qorti hija tal-fehma li l-impożizzjoni ta' ordni ta' konfiska tal-flejjes kollha li nstabu fil-pussess tar-referent, għajr għall-għaxart elef Euro (€10,000) li ngħatawlu lura, flimkien mal-impożizzjoni ta' multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur tal-flus li nstabu fil-pussess tar-referent, hija waħda sproporzjonata u eċċessiva u tilledi l-jedd fundamentali tar-rikorrent għat-tgawdija tal-possedimenti tiegħu. In vista tan-nuqqas ta' proporzjon bejn il-piena li l-liġi tagħna timponi u l-gravità tar-reat li individwu naqas milli jagħmel dikjarazzjoni mal-Kontrollur tad-Dwana, il-Qorti hija tal-fehma li hemm ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tad-dritt fundamentali għat-tgawdija tal-proprjetà kif sanċit bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Hawnhekk ikun pertinenti li l-Qort tiċċita minn dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Paulet *vs.* The United Kingdom**[5] illi:

> *"63. Article 1 of Protocol No. 1 in substance guarantees the right of property (see **Marckx vs Belgium**, 13 June 1979, § 63, Series A no. 31). It comprises "three distinct rules": the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest (see, inter alia, **Sporrong and Lönnroth vs Sweden,** 23 September 1982, §61, Series A no. 52). However, the three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the*

[5] Applikazzjoni Numru 6219/08, deċiża 13.05.2014.

*first rule (see **Lithgow and Others v. The United Kingdom,** 8 July 1986, §106, Series A no. 102).*

*64. It is not in dispute that the confiscation order in the present case amounted to an interference with the applicant's right to peaceful enjoyment of his possessions as protected by the first sentence of Article 1 of Protocol No. 1. Moreover, it is clear from **Phillips vs The United Kingdom,** no. 41087/98, §51, ECHR 2001-VII, that confiscation orders fall within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which, inter alia, allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, among many examples, **Allan Jacobsson vs Sweden,** (no. 1) judgment of 25 October 1989, Series A no. 163, p. 17, § 55).*

*65. An interference with Article 1 of Protocol No. 1 will be disproportionate where the property-owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden", such that "the fair balance which should be struck between the protection of the right of property and the requirements of the general interest" is upset (see **Sporrong and Lönnroth vs Sweden,** cited above, §73)."*

Din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ ma ntlaħaqx dan il-bilanċ xieraq bejn il-jeddijiet tal-individwu min-naħa l-waħda, u l-interessi tal-Istat fuq in-naħa l-oħra, u tqis li r-referent ser ikun qiegħed iġorr piż wisq oneruż u sproporzjonat bil-konfiska ta' ammont sostanzjali ta' flus għan-nuqqas tiegħu mal-wasla tiegħu f'Malta li jiddikjara l-pussess ta' dawn il-flus mal-uffiċjali tad-Dwana, bil-konsegwenzjali ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-referent kif sanċit bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda twieġeb ir-Referenza Kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Maġistrati (Qorti ta' Ġudikatura**

**Kriminali), billi tiddikjara li l-artikolu 3(4) u (5) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 149 tal-2007 (Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus), taħt l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kap. 223 tal-Liġijiet ta' Malta), li jistipula li f'każ li tinstab ħtija *ai termini* tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, il-Qorti tal-Maġistrati (Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) għandha tordna l-konfiska tal-flejjes kollha li nstabu fil-pussess tar-rikorrent f'ammont li jeċċedi l-għaxart elef Euro (€10,000), jivvjola id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tintbagħat lill-Qorti tal-Maġistrati (Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) biex tiġi inserita fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija *vs.* Ahmed Alhadi Khalleefah Suwah'.**

**Spejjeż marbuta ma' din id-deċiżjoni kontra r-riferuti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**